**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B ►C1 **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/15/PESK**

**tat-18 ta' Novembru 2013**

**dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet** ◄

(ĠU L 14, 18.1.2014, p. 1)

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 48, 19.2.2014, p. 12 (2014/15/UE)

▼B

# ►C1 DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/15/PESK

## tat-18 ta' Novembru 2013

## dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet ◄

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Il-kondizzjonijiet rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet għandhom ikunu stipulati fi ftehim li jistabbilixxi qafas għal tali parteċipazzjoni possibbli fil-futur, pjuttost milli jiġu definiti każ b'każ għal kull operazzjoni kkonċernata.

(2) Wara l-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Kunsill fit-13 ta' Novembru 2012 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà nnegozjat ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet ("il-Ftehim").

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex ikun jorbot lill-Unjoni.

▼B

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 16(1) tal-Ftehim ([1]).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.